**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 331/2010**

**Illum: 25 ta' Settembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Marica Muscat**
**(ID 9374(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Marica Muscat, bint Raphael u Maria nee` Tabone, imwielda l-Pieta` fl-1 ta' Dicembru 1973, St. Michael Street, Bormla, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 9374(M);

Akkuzata talli fit-30 ta' Dicembru 2009 ghall-habta tat-3.30 p.m. waqt li kienet fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u f'diversi postijiet f'dawn il-gzejjer:

1. Bil-hsieb li taghmel delitt uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat il-bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt billi ppruvat titraffika d-droga eroina;

2. Ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellha fil-pussess taghha d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini

Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmannifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kinitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha din id-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess taghha f'tali mod li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

3. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bhala persuna li m'hix ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-Awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett li jkun li hu pprojbit skond xi regolamenti maghmula skond dan l-Att, jew garret jew ippruvat iggorr xi oggett bhal dak barra mill-habs;

4. Akkuzata wkoll talli kisret il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta imposta fuqha permezz ta' sentenza datata 14 ta' Jannar 2008, fejn kienet misjuba hatja ta' reat ta' droga;

5. Akkuzata wkoll talli rrendiet ruhha recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kienet giet misjuba hatja b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2014, il-partijiet ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma' l-provi mismugha fil-kawza sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet Dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-30 ta' Dicembru 2009, l-imputata dahlet fis-Sezzjoni tad-Debituri gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, sabiex thalli xi hwejjeg, skond hi, ghal detenut certu Silvio Buttigieg. Fil-presenza tal-imputata, saret tfittxija fl-istess hwejjeg mill-Ufficjali tal-Habs, waqt liema tfittxija, f'qalziet minnhom instabet borza tal-*plastic* bi trab kannella suspettat eroina. Din is-sustanza giet elevata u l-imputata giet arrestata. Hija rrilaxxjat stqarrija dakinhar stess ftit tal-hin wara din is-sejba.

Skond ix-xhieda ta' **CO171 Paul Borg Bonaci**[1], fil-jum in kwistjoni, waqt li huwa kien xoghol gewwa l-imsemmija Sezzjoni fil-Facilita`, ghall-habta tat-3.00 p.m. marret Marica Muscat b'xi hwejjeg ghal certu Silvio Buttigieg. Flimkien mal-Maggur Mary Azzopardi u fil-presenza tal-istess Muscat, huwa beda jispezzjona dawn il-hwejjeg u fosthom, kien hemm *jeans* ahdar skur. Ix-xhud jghid illi fil-*flap* ta' wara ta' dan il-*jeans*, huwa hass xi haga mqabbza l-barra. Dak il-hin huwa ghajjat lill-Maggur Frans, li tah struzzjonijiet sabiex joftoq il-hjata u hekk kif huwa ghamel dan, sab bicca drapp sewda li kien fiha xi haga, li wara rrizultatlu li kienet trab kannella. Ix-xhud gharaf ir-ritratti esebiti a fol. 19 tal-process verbal dwar l-inkjesta li saret in konnessjoni ma' dan il-kaz[2], ossia r-ritratti li juru l-oggetti hekk misjuba u deskritti mix-xhud, u gharaf ukoll lill-imputata bhala l-persuna li rrefera ghaliha fix-xhieda tieghu.

Da parti taghha, ix-xhud **il-Maggur Mary Azzopardi**[3], qalet illi fil-jum in kwistjoni, ghall-habta tat-3.00 p.m., waqt li kienet xoghol ma' CO 171 Paul Borg Bonaci, il-vizitatrici Marica Muscat marret sabiex taghti xi hwejjeg u meta giet mistoqsija ghal min kienu dawn il-hwejjeg, hija wiegbet li kienu ghal Silvio Buttigieg. Qalet illi fil-waqt illi kemm hi, kif ukoll il-kollega taghha, kienu qeghdin jisspezzjonaw il-hwejjeg, CO 171 hass xi haga fil-*flap* tal-but ta' qalziet ta' kulur ahdar skur, liema *flap* infethet u go bicca drapp sewda li kienet qeghda fil-*flap*, instabet sustanza suspettuza. L-istess CO 171 informa lill-Maggur Agius b'dan kollu. Ix-xhud qalet ukoll illi hija kienet qeghda taghraf lil Marica Muscat

---

[1] A fol. 22 *et seq* tal-process.
[2] Dan il-process verbal jinsab esebit a fol. 10 tal-process.
[3] A fol. 36 *et seq* tal-process.

bhala l-imputata prezenti fl-awla. In kontro-ezami, ix-xhud qalet illi matul iz-zmien li l-imputata ghamlet fil-Facilita`, hija dejjem kienet ubbidjenti ghad-direttivi tal-Ufficjali tal-Habs.

Mir-relazzjoni tal-**Ispizjar Mario Mifsud**[4] jirrizulta li illi huwa nghata s-segwenti dokument ghall-analizi ossia:

- *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li kien miftuh u go fih kien hemm qalziet ta' lewn kannella.

- Kien hemm ukoll *envelope* iehor tal-Gvern ta' Malta li kien issigillat u li fuqu kien hemm *label* bajda bil-kliem "Mag. Dr. A. Demicoli LL.D., Inquiry on 30/12/09, Contents Brown Powder, Date when seized 30/12/09, Time when seized 3 pm, Place from where seized CCF, Officer who seized the item, Officer present, Owner of item Name and Surname Marika Muscat, Residence 239, St. Micheal Street, Bormla, Identity card number 9374(M), Signature of owner, Signature of Officer in charge Insp. S. Zammit". F'dan l-*envelope* kien hemm *envelope* iehor ta' lewn abjad, li kien issigillat, li go fih kien hemm borza tal-plastik trasparenti li fiha kien hemm borza ohra tal-plastik trasparenti bi trab ta' lewn kannella go fiha.

Skond l-istess relazzjoni, fit-trab ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument hawn fuq imsemmi, li l-pizz nett totali tieghu kien ta' 1.17 grammi, instabet is-sustanza Herojina. Il-purita` medja tat-trab kannella f'dan id-dokument ghas-sustanza Herojina kienet ta' cirka 45.1%.

**L-imputata** rrilaxxjat stqarrija fil-jum in kwistjoni[5] u dan wara li nghatat id-dritt li ma kinitx obbligata li titkellem, izda dak li tghid jista' jingieb bhala prova. Hija ghazlet li tiffirma din l-istqarrija. Mistoqsija jekk kellhiex xi vizita gewwa l-habs dakinhar, hija wiegbet fin-negattiv u qalet illi gabet xi hwejjeg fid-Debituri biex thallihom ghal Silvio Buttigieg. Murija qalziet, hija kkonfermat li dan kien parti mill-hwejjeg li halliet ghal dan Buttigieg u meta gie ssuggerit lilha illi dakinhar stess instab trab abjad fl-istess qalziet, hija qalet illi dak kien trab abjad fil-kannella u li huwa eroina. Ikkonfermat li l-bicca drapp sewda li hija giet murija, instabet lilha mill-Ufficjali tal-Habs u qalet ukoll illi hija hietet din id-drapp wara li fiha tefghet l-eroina u cioe` 0.8 grammi. Qalet illi hija kienet xtrat id-droga dakinhar stess minn Bormla u li la Silvio u lanqas haddiehor ma kien jaf b'dan. Qalet ukoll

[4] A fol. 7 tal-process verbal li jinsab esebit a fol. 10 tal-process.
[5] Din tinsab esebita a fol. 15 *et seq* tal-process.

illi l-qalziet kien taghha u kienet sar thallih lil Silvio Buttigieg dakinhar stess, li l-ahhar darba li kellmet lil Buttigieg kien barra l-habs u li dakinhar kienet tatu xi hwejjeg li kienet tatha t-tfajla ta' Buttigieg. Hija nnegat illi t-tfajla ta' Buttigieg kienet involuta maghha f'din il-bicca xoghol u nnegat ukoll illi Buttigieg kien kellimha u talabha sabiex iddahhallu d-droga fil-habs. Mistoqsija ghalfejn allura kienet ser taghti d-droga lil Buttigieg billi titfaghha fil-hwejjeg, hija qalet "*Tfajtha hekk*".

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, l-imputata qeghda tigi akkuzata bit-tentattiv tar-reat ta' traffikar tad-droga eroina u bil-pussess aggravat tal-istess droga. Dwar it-tieni imputazzjoni ossia r-reat tal-pussess bl-aggravanti, kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason Mallia**, moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 (Appell Nru. 130/1999), inghad hekk fir-rigward tar-reat in kwistjoni:

"*Qabel xejn ghandu jigi precisat li mhux korrett li wiehed jghid li biex jikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplata fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-pussessur kellu l-animus li jispacca d-droga. Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni mhix mehtiega ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati". Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma 'uzu' il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioe` li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmaha.*"

Jirrizulta car mill-provi prodotti, fl-ewwel lok illi s-sustanza misjuba fil-qalziet li dahhlet l-imputata gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin kienet droga eroina u fit-tieni lok, illi dan il-qalziet kien intiz ghal terza persuna ossia certu Silvio Buttigieg. Apparti illi dan jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjali tal-Habs li sabu din is-sustanza fil-jum in kwistjoni, kif ukoll mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud li kkonferma li din is-sustanza kienet effettivament droga eroina, dan tammettih ukoll l-istess imputata fl-istqarrija rilaxxjata minnha, fejn tghid illi hija kienet taf li s-sustanza gewwa l-qalziet kienet droga eroina, li din kienet xtratha hija stess fil-jum in kwistjoni, li kienet hija li poggiet din id-droga fil-bicca drapp sewda li nstabet mill-Ufficjali tal-Habs gewwa l-qalziet u li hija hadet il-qalziet gewwa l-Facilita`, flimkien ma' hwejjeg ohrajn, sabiex thallihom lil Silvio Buttigieg. Huwa evidenti ghalhekk illi din id-droga li kienet fil-pussess tal-imputata u li hadet hsieb hija stess li tqeghda gewwa l-qalziet in kwistjoni, <u>kienet intiza ghall-uzu ta' terza persuna</u> u mhux ghall-uzu tal-imputata, wisq inqas ghall-uzu esklussiv taghha.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi t-tieni imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tal-<u>ewwel imputazzjoni</u> li tikkontempla r-reat tat-tentattiv ta' traffikar ta' droga eroina, il-Qorti taghmel is-segwenti kunsiderazzjonijiet: Fl-ewwel lok, m'hemmx dubbju illi f'dan il-kaz, l-imputata mhux biss uriet il-hsieb taghha li titraffika d-droga billi tforni d-droga eroina lil terza persuna ossia lil Silvio Buttigieg b'atti esterni u ghamlet ukoll diversi atti preparatorji sabiex setghet taghmel dan, billi fil-jum in kwistjoni stess akkwistat id-droga ghal dan il-ghan u poggietha gewwa bicca drapp sewda li giet mehjuta minnha u li sussegwentement giet imdahhla gewwa l-*flap* tal-but tal-qalziet in kwistjoni, izda in oltre tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt billi dahlet gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin bl-istess qalziet fost hwejjeg ohrajn u haditu fis-Sezzjoni tad-Debituri, fejn talbet illi dan jinghata lill-imsemmi Silvio Buttigieg. Kien fil-waqt illi l-Ufficjali tal-Habs kienu qeghin jaghmlu tfittxija f'dawn il-hwejjeg illi CO171 hass xi haga mqabbza l-barra fil-*flap* tal-but, fetaq il-*flap* u sab din il-bicca drapp sewda li kien fiha borza tal-plastik bid-droga eroina.

Id-difiza tissottometti illi l-mezz li permezz tieghu l-imputata ppruvat iddahhal id-droga l-habs kien tista' tghid wiehed grossolan fis-sens illi d-droga tqeghdet fil-qalziet b'tali mod illi kien evidenti illi hekk kif wiehed jaqbad il-qalziet u jmissu, kien ser jinduna li fih xi haga. Skond id-difiza, dan il-fatt ghandu jnaqqas u mhux izid il-gravita` tar-reat.

Dwar dan il-punt, fin-noti tieghu, il-Professur Mamo jghid hekk[6]:

"*Now the notion of 'commencement of <u>execution</u>' necessarily implies the possibility of completing the intended crime in the manner proposed. It cannot be said that the execution is begun if the act performed cannot absolutely lead, if completed, to the actual commission of the crime, or, in other words, if, in the circumstances, the consummation of the attempted crime was utterly impossible.*

*... <u>in order that there may be an attempt there must be a possibility of a successful issue</u>. ... But, as was stressed in Rex V. Cassar (C.C. 18-XI-41), <u>in order to exclude the attempt the impossibility of a successful issue must be absolute</u>.*"

L-istess Professur Mamo jghid ukoll[7] illi "*the inefficiency of the means in order to exclude criminal liability, must be <u>absolute</u>.*" Huwa jirreferi ghall-awtur Carrara li jiddeskrivi l-ineffikacja tal-mezzi adoperati bhala assoluti "*when the means used could in no circumstances injure the right sought to be invaded whoever or whichever the person or thing against whom or upon which they were directed*". Skond il-Professur Mamo ghalhekk "*... the inefficiency of the means chosen is absolute* [when] *the achievement of the wrongful purpose was always impossible*". L-ineffikacja tal-mezz hija assoluta meta tkun inerenti fil-mezz inniffsu u mhux meta tali ineffikacja tkun ir-rizultat tac-cirkostanzi partikolari li jiccirkondaw il-fatt.

In oltre b'referenza ghat-tentattiv tar-reat, kif regolat taht l-artikolu 56 tal-Kodici Penali Taljan, jinghad illi "*L'idoneita` di un atto criminoso, considerato dall'art. 56 c.p., consiste nella sua **capacita` causale**, cioe` nella sua suscettibilita` a produrre l'evento che rende consumato il delitto voluto. Agli effetti del delitto tentato l'azione e` inidonea solo se difetta intrinsicamente di qualsiasi efficacia causale rispetto all'evento. Deve trattarsi, pertanto, di inidoneita` assoluta, accertata con valutazione ex ante. Ne deriva che la semplice **insufficienza del mezzo** non vale ad escludere la configurabilita` del tentativo; il mezzo e` inidoneo quando esso medesimo costituisca ab origine un ostacolo all'attuazione della volonta` delittuosa, mentre l'inidoneita` successiva non rende impossibile il compimento di atti diretti a commettere l'illecito, ma elimina la sola possibilita` di un ulteriore svolgimento efficace della azione e, quindi, alla consumazione del reato*".[8]

---

[6] Lectures in Criminal Law (First Year), pg. 116, 117.
[7] Pagna 115.
[8] "Commentario Breve al Codice Penale" ta' Crespi, Stella u Zuccalà, CEDAM, 2006; p. 248.

F'dan il-kaz, il-Qorti ma taqbilx illi l-mezz adoperat mill-imputata biex iddahhal id-droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u tipprokuraha lil Buttigieg, kien wiehed assolutament ineffikaci. Fl-ewwel lok, l-imputata hadet il-briga li tqieghed id-droga gewwa bicca drapp sewda li giet mehjuta minnha stess u sussegwentement din tqeghdet gewwa l-*flap* tal-but tal-qalziet, liema *flap* allura kellha tinfetaq u terga' tigi mehjuta, tant illi CO171 kellu joftoq il-*flap* tal-qalziet sabiex jara x'kien fiha. Terga' u tghid l-imputata lanqas qeghdet id-droga direttament fil-*flap* tal-but, izda poggietha gewwa bicca drapp li ghalqitha bil-hjata hija stess – dan sabiex jinhass id-drapp taht il-*flap* u mhux il-borza bit-trab. Dan naturalment l-imputata m'ghamlitux sabiex id-droga tinstab facilment, izda anzi sabiex id-droga ma tinstabx u l-qalziet, bid-droga fih, jinghata lil Buttigieg. Fit-tieni lok, jidher ukoll illi l-imputata kienet taf illi l-Ufficjali tal-Habs ifittxu gewwa l-oggetti li jinghataw lill-prigunieri mill-vizitaturi, ghaliex altrimenti ma kinitx taghmel din l-operazzjoni kollha. In oltre, meta l-imputata marret gewwa s-Sezzjoni tad-Debituri, hija ma marritx b'dan il-qalziet biss, sabiex kemm jista' jkun ma tigix attirata l-attenzjoni lejh, izda hadet maghha hwejjeg ohra, kif jirrizulta mill-istqarrija taghha. Izjed importanti, ma jirrizultax illi d-droga kienet impoggija fil-qalziet b'tali mod illi din kienet taghti fil-ghajn mill-ewwel, lanqas meta l-Ufficjali tal-Habs hargu l-hwejjeg sabiex jispezzjonawhom. Fil-fatt jirrizulta car illi l-Ufficjali tal-Habs kellhom ifittxu fil-hwejjeg migjuba mill-imputata sabiex sabu d-droga u kien biss meta CO 171 mar biex imiss il-*flap* tal-but ta' wara tal-qalziet li huwa hass xi haga, li ghalhekk qanqlitlu suspett. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi ma kien hemm xejn fil-mezzi adoperati mill-imputata li kienu assolutament mhux idonei jew ineffikaci ghall-iskop li ghalih kienu ntizi.

In oltre ghalkemm id-difiza tissottometti wkoll illi l-Qorti ghandha tevalwa l-provi kollha li ghandha quddiemha, inkluz ghalhekk l-istqarrija tal-imputata u kemm dak li stqarret l-istess imputata kien minnu jew le, il-Qorti tqis illi mill-assjem tal-provi prodotti u fin-nuqqas ta' kwalsiasi prova ohra, imqar sal-grad tal-probabbli, li tista' tixhet dubju fuq il-verzjoni li hija tat fl-istqarrija taghha, il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn ghandha tasal ghal xi konkluzjoni ohra ghajr illi kienet l-imputata li akkwistat id-droga, kienet hija li poggiet id-droga fil-qalziet u li hija riedet tghaddi dan il-qalziet lil Buttigieg.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-<u>tielet imputazzjoni</u>, l-imputata giet akkuzata bir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta ossia illi bhala persuna li m'hix

ufficjal tal-habs jew persuna ohra mpjegata fil-habs, minghajr l-awtorita` legittima dahhlet jew ippruvat iddahhal f'xi parti tal-konfini ta' habs xi oggett li jkun li hu projbit skond ir-Regolamenti tal-Habs. F'dan il-kaz, mill-provi prodotti jirrizulta car illi din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata. Il-Qorti tirrileva madankollu, illi ghalkemm huwa l-Artikolu 7(2) tal-Kap. 260 li jirreferi specifikatament ghal medicina perikoluza skond il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-eroina fil-fatt hija tali medicina, mill-atti jirrizulta illi la gie esebit il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (u dan in vista tal-fatt illi l-piena massima applikabbli taht l-Artikolu 7(2) tal-imsemmi Kapitolu hija ta' tmintax-il xahar prigunerija) u lanqas sar l-ezami tal-imputata b'referenza ghal din l-imputazzjoni. Ghaldaqstant, fir-rigward ta' din l-imputazzjoni, il-Qorti qeghda ssib htija biss fir-rigward tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260.

Fir-raba' imputazzjoni, l-imputata giet akkuzata bil-ksur ta' liberazzjoni kundizzjonata imposta fuqha permezz ta' sentenza tal-14 ta' Jannar 2008. Permezz ta' din is-sentenza, li giet esebita mill-Prosekuzzjoni a fol. 32 tal-process, l-imputata odjerna[9] nstabet hatja tar-reat ta' pussess semplici ta' droga eroina u inghatat liberazzjoni kundizzjonata ghal zmien sentejn. Ghaldaqstant jirrizulta car illi r-reati odjerni gew kommessi mill-imputata fil-perjodu operattiv ta' din il-liberazzjoni kundizzjonata u tqis ghalhekk illi din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata.

Permezz tal-hames imputazzjoni, l-imputata giet addebitata bir-recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-unika sentenza li giet esebita mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz, hija dik li saret referenza ghaliha fil-paragrafu precedenti u li kif inghad, permezz taghha l-imputata giet illiberata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) fis-17 ta' Settembru 2004, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Agius**, fejn l-appellat f'dak il-kaz kien ammetta *inter alia* ghall-addebitu tar-recidiva u dan fir-rigward ta' sentenza fejn kien tqieghed taht Ordni ta' *Probation*. Il-Qorti kkonkludiet illi la darba il-kaz ma kienx jaqa' taht l-ebda wahda mis-sitwazzjonijiet indikati fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446, "*id-dikjarazzjoni ta' htija fil-proceduri kontra l-appellat u li temmew bis-*

[9] Jirrizulta mis-sentenza esebita illi l-konnotati tal-imputata f'dik is-sentenza (hlief ghall-indirizz tar-residenza) inkluz in-numru tal-karta tal-identita` taghha, huma identici ghall-konnotati tal-imputata odjerna.

*sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ... li permezz taghha huwa tqieghed taht probation ghal perijodu ta' tliet snin, ma setghet QATT titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghall-finijiet ta' recidiva*". Il-konsiderazzjonijiet legali ta' dik il-Qorti japplikaw bl-istess mod ghal dan il-kaz, fis-sens illi d-dikjarazzjoni ta' htija fil-konfront tal-imputata permezz tas-sentenza fuq indikata, fejn l-imputata inghatat liberazzjoni kundizzjonata, ma tistax titqies bhala dikjarazzjoni ta' htija ghal fini tar-recidiva.

Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-imputata m'hijiex tinstab hatja tal-addebitu tar-recidiva.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti tqis fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputata fiz-zmien tar-reati odjerni, mil-liema jirrizulta illi l-imputata kienet instabet hatja ta' pussess semplici tar-raza tal-cannabis u pussess semplici tal-eroina (f'zewg okkazzjonijiet), reati kontravvenzjonali u serq aggravat, dwar liema hija nghatat liberazzjoni kundizzjonata f'zewg okkazzjonijiet, tqeghdet taht Ordni ta' *Probation* f'okkazzjoni wahda u nghatat sentenza ta' prigunerija effettiva.

Tqis ukoll illi l-piz tad-droga eroina in kwistjoni kien ta' 1.17 grammi u li l-purita` kienet ta' cirka 45.1%.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi ghalkemm l-imputata ma rregistratx ammissjoni f'dawn il-proceduri, biss hija kkoperat mal-pulizija matul l-investigazzjoni taghha u mill-ewwel ammettiet l-involviment taghha. Qieset ukoll min-naha l-ohra s-serjeta` tar-reati odjerni li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, b'mod partikolari li hawn si tratta ta' kaz fejn l-imputata dahhlet id-droga eroina gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin ghal skopijiet ta' traffikar.

Ikkunsidrat ukoll illi fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet u in oltre illi l-Artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ghall-finijiet ta' piena, jipparifika t-tentattiv ta' kull reat kontra din l-Ordinanza mar-reat ikkunsmat.

In oltre fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, il-Qorti ser titratta mal-imputata dwar ir-reat li tieghu instabet hatja permezz tas-sentenza hemmhekk imsemmija, billi tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi mis-sentenza msemmija ma jirrizultax illi f'dak il-kaz l-imputata kienet fil-pussess ta' kwantita` ta' eroina li kienet teccedi z-zewg grammi.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(5) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(h) u 41(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, qed issib lill-imputata mhux hatja tal-hames imputazzjoni migjuba kontra taghha ossia tal-addebitu tar-recidiva u qeghda tilliberaha minnha, u qed issibha hatja tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u qed tikkundannaha fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet ghall-piena ta' **sena prigunerija effettiva** u **multa ta' sitt mitt Euro (€600)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jistghu jithallsu mill-hatja b'rati mensili u konsekuttivi ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-hatja tiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji. Pero` jekk il-hatja tonqos li thallas pagament wiehed fiz-zmien lilha preskritt, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed titratta mal-imputata dwar ir-reat li tieghu hija nstabet hatja minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, bis-sentenza taghha tal-14 ta' Jannar 2008, daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn jew quddiem din il-Qorti dwar dak ir-reat u fil-waqt li ghal kull buon fini tikkonferma tali htija, qed tikkundannaha ghal penali ta' **hamsin Euro (€50)**.

Il-Qorti tikkundanna lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, sebgha u erbghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€347.72), l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 186 Kristian Mintoff ammontanti ghas-somma ta' erbgha u tletin Euro u tlieta u tletin centezmu (€34.33) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PC 122 Arthur Borg ammontanti ghas-somma ta' hmistax-il Euro u tnejn u sebghin centemzu (€15.72), b'kollox ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' tliet mija, sebgha u disghin Euro u sebgha u sebghin centezmu (€397.77). L-istess spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien sena

mil-lum, b'dan illi jekk hija tonqos li thallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilha preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Tordna d-distruzzjoni tad-dokument bil-kodici tal-laboratorju 049/10/01, formanti parti mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat